MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Numru. 1151/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR SYLVANA BRIFFA**

**VS**

**BERNARD ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Bernard Attard detentur tal-Karta tal-Identita` numru 188977(M).

**Akkuzat talli:**

1. Filwaqt li kien fi triq iz-Zonqor gewwa Wied il-Ghajn, nhar it-12 ta` April 2008, ghall-habta tal-10:22 ta` filghaxija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli u immobbli, cioe` ikkawza hsara volontarja fuq il-vettura ta` l-ghamla Morris, mudell Ital, ta` lewn bajdani u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni IAP 686 ghall-valur ta` € 320.42 ghad-dannu ta` Michael Cutajar minn Haz-Zabbar u perwsuni ohra;

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, fikwaqt li kien hdejn l-Ghassa tal-Pulizija ta` Wied il-Ghajn, li tinsab fi Triq iz-Zonqor, volontarjament ikkawza griehi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Michael Cutajar minn Haz-Zabbar, skond kif iccertifikat minn Dr. J. Agius Muscat M.D. (Warrant Mediku Nru. 2539) tac-Centru tas-Sahha ta` Rahal Gdid u Dr. Alison Fava M.D. (Warrant Mediku Nru. 5085), it-tabiba tat-Taqsima tal-Emergenza tal-isptar Mater Dei;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien hdejn l-Ghassa tal-Pulizija ta` Wied il-Ghajn , li tinsab fi Triq iz-Zonqor, volontarjament ikkawza griehi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Mario Cutajar minn Haz-Zabbar, skond kif iccertifikat minn Dr. J. Agius Muscat M.D. (Warrant Mediku Nru. 2539) tac-Centru tas-Sahha ta` Rahal Gdid.

4. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, filwaqt li kien fi Triq il-Gardiel, Wied il-Ghajn, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza` li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta hu kien jaf jew kien imissu jkun jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza`.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti semghet lil Dr. M. Agius ghal parte civile li rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

Minhabba din ir-rinunzja l-Qorti qiedgha tiddikjara bhala process ezawrit l-akkuzi A, B u D fl-imputazzjoni, filwaqt li l-imputat qed jammetti l-akkuza E.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------